**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**06 ta' Ġunju 2024**

**Rikors Numru 126/2023**

**Darren Grech, Dylan Grech u Natasha Cassar nee Grech aħwa Grech u lkoll ulied id-defunt Alfred Grech**

**Vs**

**L-Awtorita` tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tar-rikorrenti aħwa Grech ippreżentat fil-5 ta' Dicembru 2023 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

*Illi I-esponenti rċevew ittra uffiċjali datata 17 ta' Novembru 2023 hawn annessa u mmarkata DOK 1, liema ittra uffiċjaIi saret skont it-termini tal-artiklu 9 et seq taI-KAP 573 tal-Liġijiet ta' Malta u li permezz tagħha I-Awtorità intimata qed titlob lill-esponenti sabiex jiżgombraw il-fond Block 2A, Bieb 1 Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira, billi skont I-istess Awtorità tad-Djar, m'għandhomx titolu validu skont il-liġi biex jokkupaw dan il-fond.*

*Illi l-fond mertu tal-ittra uffiċjali u tar-rikors odjern u Block 2, Bieb 1 Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira kien il- fond fejn missier I-esponenti u cioe Alfred Grech li miet f'Jannar 2018, kif debitament jirrisjedi taħt titolu ta' kera mal-Awtorità intimata u miegħu kien u għadu jirrisjedi I-esponent Darren Grech fl-istess fond bħala r-residenza ordinarja tiegħu.*

*Illi d-defunt Alfred Grech kien applika u ħallas f'Awwissu 2017 fl-iskema sabiex isir sid daru.*

*lllì I-Awtorità intimata kienet infurmat lil missier I-esponenti illi I-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet aċċettata u anki kien iffissat il-prezz u I-modalità tal-pagament nhar is-16 t'Awwissu 2017 meta dakinhar kien anki ġie ffirmat konvenju bejn id-defunt Alfred Grech u I-Awtorità intimata.*

*Illi I-esponenti huma I-uniċi eredi universali tal-mejjet Alfred Grech stante li dan miet intestat u stante li kien legalment separat minn ma' martu Irene Grech;*

*Illi fl-ewwel lok I-esponenti Darren Grech kien u għadu jgħix fil-fond Block 2A, Bieb 1 Flat 3, Triq il- Gżira, Gżira snin qabel ma missieru ġie nieqes u kwindi, ġjaladarba hija I-unika residenza tiegħu, il-kirja għandha tgħaddi fuq ismu;*

*IlIi wara I-mewt ta' missieru Darren Grech prova jdawwar il-kirja fuq ismu imma peress li kien hemm pendenti l-konvenju su ċitat, I-Awtorità ma rrikonoxxitux bħala I-inkwilin.*

*Illi fit-tieni lok, ulied il-mejjet Alfred Grech għandhom jidħlu fiż-żarbun ta' missierhom qua eredi fir- relazzjoni mal-awtorità intimata sabiex id-drittijiet akkwistati minn missierhom permezz tal-konvenju tas-16 t'Awwissu 2017 jgħaddu fuqhom u jkunu huma li jkomplu bl-iskema sabiex isiru sidien tal-fond Block 2A, Bieb 1 Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira;*

*Illi l-konvenju għadu validu u missier I-esponenti u issa I-istess esponenti qed jistennew li jkun iffirmat il-kuntratt u dan billi I-awtorità aċċettat id-depożitu imħallas minn missier I-esponenti;*

*Illi dan ir-rikors għandu jinstema' flimkien mar-rikors numru 99/2023/CG stante illi jitratta I-istess mertu.*

*Għaldaqstant I-esponent, in vista tar-raġunijiet suesposti jitlob li din il-Qorti sabiex skont I-artiklu 12 taI-KAP 573 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka u tħassar I-effetti tal-ittra uffiċjali datata 17 ta' Novembru 2023 hawn annessa u mmarkata DOK 1 u filwaqt li tilqa' s-sottomissjonijiet suesposti tiddikjara li l-ordni jew talba għall-iżgumbrament kontenuta fi-istess ittra uffiċjali hija infondata fil-fatt, fid-dritt, fil- liġi u fil-mertu li m'għandha l-ebda bażi legali.*

Ra r-risposta tal-Awtorita` tad-Djar ippreżentata fl-4 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*1. Illi ma hemm xejn illegali fl-ittra uffiċjali tas-17 ta' Novembru 2023 maħruga mill-Awtorità tad-Djar ai termini ta' Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta u annessa mar-rikors promotur.*

*2. Illi ma hemm ebda oġġezzjoni li dan il-każ jimxi mal-każ l-ieħor ċitat mill-atturi Rik 99/23 CG. U dan stante li l-mertu huwa identiku.*

*3. Illi kull eċċezzjoni qed issir mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra.*

*4. Illi primarjament jiġi rilevat illi Darren Grech u Dylan Grech huma rikonoxxuti bħala inkwilini fuq il-fond Block 1, Bieb 2, flat 6, Triq il-Gżira, Gżira u mhux fuq il-fond inkwistjoni mertu tal-proċeduri odjerni u ċoje Block 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira u għalhekk I-Awtorità tad-Djar hija ferm sorpriża kif dawn l-istess individwi bil-wiċċ tost kollu issa qed jippretendu li jkollhom xi forma ta' titlu fuq fond ieħor intiż għall-akkomodazzjoni soċjali.*

*5. Illi l-Awtorità tad-Djar ma tistax tippermetti illi l-istess individwi jkollhom titlu ta' kera mingħand l-esponenti fuq aktar minn fond wieħed. Dan l-aġir imur kontra policies tal-Awtorità u kontra l-iskop ta' akkomodazzjoni soċjali – l-iskop ta' akkomodazzjoni soċjali qiegħed hemm biex jassisti individwi li għandhom bżonn akkomodazzjoni soċjali jkollhom saqaf fuq rashom u mhux biex ikollhom aktar minn fond wieħed!*

*6. Illi kwalunkwe relazzjoni ta' kirja li kellha l-Awtorità tad-Djar fuq il-fond Block 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira kienet biss ma' Alfred Grech permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Diċembru 2014, kopja annessa u mmarkata bħala* ***DOK A*** *u mhux mar-rikorrenti jew*

*uħud minnhom u għaldaqstant kwalunkwe okkupazzjoni tal-ulied wara l-mewt tar-rikorrenti hija effettivament mingħajr titlu validu fil-liġi. U dwar dan l-esponenti żżomm id-dritt li tipproċedi ulterjorment anke għad-danni.*

*7. Illi fi kwalunkwe l-każ il-kuntratt ta' kirja tal-fond Block 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira skada fit-30 ta' Novembru 2019 u stante illi Alfred Grech kien ġie nieqes fid-9 ta' Jannar 2018, l-Awtorità bagħtet ittra datata 23 ta' Marzu 2021, kopja annessa u mmarkata bħala* ***DOK B****, biex tagħmilha ċara li l-kirja ma kenitx tista' u, jew ma kenitx sejra tiġi mġedda. Fil-fatt kiri ta' postijiet allokati għall-akkomodazzjoni soċjali ma jintirtux u semmai biex terġa' tibda kirja ġdida jrid ikun hemm talba għal rikonoxximent, xi ħaġa li f'dan il-każ ma saret qatt. Dan ukoll ikompli juri li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda titlu validu fil-liġi fuq il-fond Block 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, Gżira.*

*8. Illi fir-rigward tal-iskema Sir Sid Darek, fl-umli fehma tal-esponenti dan ċertament mhux mertu tal-proċeduri odjerni. Madanakollu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif anke diġà ġew infurmati r-rikorrenti b'korrispondenza varja, (inkluż ittra legali datata 26 t'April 2021, kopja annessa u mmarkata bħala* ***DOK C1****, b'risposta għall-ittra datata 9 t'April 2021, kopja annessa u mmarkata bħala* ***DOK C2****), ai termini tal-policies tal-Awtorità tad-Djar drittijiet fuq konvenju ma jintirtux. Dan mhux biss huwa konfermat fl-iskema u I-konvenju nnifsu, kopji annessi u mmarkati bħala* ***DOK D1 u D2****, iżda wkoll hemm anke ġurisprudenza konfermata mill-****qorti tal-appell fl-ismijiet Ronald Agius et v Awtorità tad-Djar****, kopja tas-sentenza hi annessa u mmarkata bħala* ***DOK D3****, li tikkonferma dan. Dan oltre I-fatt li l-konvenju datat 16 ta' Awwissu 2017 intant skada u qatt ma ġiet preżentata ittra uffiċjali kif rikjest mil- liġi. U dan apparti l-fatt illi anke kieku saret tali ittra, din ma kien ikollha ebda effett għax konvenju huwa dritt personali u mhux reali – issa jerġa' jingħad li dan lanqas kien konvenju veru u proprju imma skrittura sui generis li għaliha ma jgħoddux l-artikli dwar il-konvenji.*

*9. Għaldaqstant, it-talbiet magħmula mir-rikors għandhom jiġu respinti fit-totalità tagħhom.*

Ra illi permezz ta' verbal tal-5 ta' Frar 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-provi migbura fir-Rikors Numru 99/2023 fl-istess ismijiet ghandhom jaghmlu prova f'din il-kawza;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 17 ta' Novembru 2023 li permezz tagħha r-rikorrenti Darren Grech u Natasha Cassar nee Grech ġew nterpellati sabiex jiżgombraw mill-fond Blokk 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gzira, il-Gzira u dan stante li kienu qed jokkupaw l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Illi fis-sempliċita` tagħhom, il-fatti huma s-segwenti:-

1. Permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Diċembru 2014 Alfred Grech, missier ir-rikorrenti, kien ingħata l-fond Blokk 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, il-Gżira b'kera għal

żmien sena, liema kirja setgħet tiġi mġedda għal perjodu ulterjuri ta' erba' snin, fid-diskrezzjoni tal-Awtorita` intimata;[1]
2. Permezz ta' applikazzjoni taħt l-Iskema "Sir Sid Darek", Alfred Grech applika biex jixtri l-fond in kwistjoni;[2]
3. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Marzu 2017 Alfred Grech ġie nfurmat illi a tenur tal-applikazzjoni tiegħu taħt l-Iskema "Sir Sid Darek", il-prezz sussidjat ta' bejgħ tal-fond in kwistjoni kien ta' €23.084;[3]
4. Fis-16 ta' Awwissu 2017 ġie ffirmat konvenju bejn missier ir-rikorrenti, id-defunt Alfred Grech, u l-Awtorita` intimata għall-akkwist tal-fond in kwistjoni;[4]
5. Mal-iffirmar tal-konvenju, Alfred Grech ħallas €2,308.40 bħala depożitu;
6. Alfred Grech ġie nieqes fid-9 ta' Jannar 2018, u ċioe` fil-mori tal-konvenju.

Dylan Grech xehed illi huwa kien mar ma' missieru meta ffirma l-konvenju pero` għaddew is-snin u ħadd qatt ma bagħat għalihom sabiex jiġi pubblikat il-kuntratt finali. Xehed ukoll illi wara li miet missieru kien baqa' jistaqsi meta se jsir il-kuntratt, pero` kienu qalulu li kienu ħadu xi żbalji f'xi kirjiet u waqgħu lura.

Darren Grech xehed illi huwa joqgħod fil-fond in kwistjoni u kien ilu jabita ma' missieru għal xi snin qabel miet.

Dr. Bryony Balzia Bartolo, Uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehdet illi ai termini tal-*policies* tal-Awtorita`, id-drittijiet fuq konvenju taħt l-Iskema "Sir Sid Darek" ma jintirtux. Spjegat li dan ġie anke konfermat mill-Qorti ta' l-Appell permezz tas-sentenza fl-ismijiet ***Ronald Agius et vs Awtorita` tad-Djar.*** In oltre affermat illi l-konvenju ffirmat fis-16 ta' Awwissu 2017 skada u qatt ma ġiet ippreżentata ittra uffiċjali kif rikjest mil-liġi.

**Ikkunsidra:**

Illi fir-rikors promutur ġie rilevat illi stante li Darren Grech kien jgħix ma' missieru għal xi snin qabel miet, il-kirja għandha tgħaddi fuq ismu. Madanakollu jirriżulta illi Darren Grech għandu favur tiegħu kirja oħra mingħand l-Awtorita` intimata datata 11 ta' Ottubru 2022 u dan għar-rigward tal-fond Blokk 1, Bieb 2, Flat 6, Triq il-Gżira, Gżira. Illi kif tgħid tajjeb l-Awtorita` intimata, persuna ma tistax tippretendi li jkollha favur tagħha żewġ kirjiet fl-istess ħin mingħand l- Awtorita`. L-iskop tal-akkomodazzjoni soċjali huwa li jwieżen lil min ikun f'ċerti diffikultajiet biex jew ikun proprjetarju ta' daru jew inkella jidħol f'kirja privata. Għalhekk ċertament illi l-pretensjoni ta' Darren Grech li jiġi rikonoxxut bħala inkwilin fir-residenza fejn kien jgħix missieru hija totalment infondata.

It-tieni aggravju mressaq fir-rikors promutur huwa illi d-drittijiet li kellu Alfred Grech ai termini tal-Iskema tal-Awtorita` intimata għax-xiri tad-dar ta' abitazzjoni tiegħu, u ċioe` l-Iskema magħrufa bħala "Sir Sid Darek" kienu intirtu mir-rikorrenti u għalhekk l-Awtorita` kellha titrasferixxi l-fond in kwistjoni favur tagħhom.

Illi ai termini tal-iskrittura privata ffirmata fis-16 ta' Awwissu 2017 minn Alfred Grech u l-Awtorita` intimata jirriżulta li ġie maqbul is-segwenti, u ċioe`:

1. Il-kundizzjonijiet kolla tal-Iskema "Sir Sid Darek" ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Frar 2014 kienu jiffurmaw parti integrali mill-konvenju;

---

[1] Dokument A a fol. 9 *et sequitur*
[2] Dokument E1 a fol. 46 *et sequitur* ipprezentat fir-Rikors Numru 99/23
[3] A fol. 22
[4] Dokument E2 a fol. 53 *et sequitur* ipprezentat fir-Rikors Numru 99/23

2. F'każ li jirriżulta li l-applikant ma kienx konformi mal-kundizzjonijiet tal-Iskema, l-Awtorita` jkollha dritt li tqis il-konvenju null *ipso iure*;
3. Illi d-drittijiet naxxenti mill-istess konvenju ma setgħux jiġu trasferiti lil terzi;
4. Il-kuntratt finali kellu jsir mhux iktar tard minn sitt xhur wara.[5]

Illi minn qari tal-Iskema "Sir Sid Darek" jirriżulta, *inter alia*, is-segwenti kundizzjonijiet, u ċioe`:

1. Illi l-Iskema kienet intiża biex tħajjar inkwilini ta' fondi tal-Awtorita` intimata u tad-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern isiru sidien ta' darhom;
2. Kull fond mixtri taħt din l-Iskema ma jistax jiġi trasferit qabel jgħaddu għaxar (10) snin mill-akkwist ħlief *causa mortis* u għandu jintuża biss bħala residenza ordinarja tax-xerrej;
3. F'każ li l-fond jiġi trasferit *inter vivos* qabel jgħaddu għaxar (10) snin, ix-xerrej ikollu jirrifondi lill-Awtorita` kull sussidju gawdut.

Illi l-Awtorita` intimata, da parti tagħha, eċċepiet illi hija nfurmat lir-rikorrenti għal itkar minn darba illi d-drittijiet fuq il-konvenju li kien iffirma missierhom ma jintirtux, u dan anke kif konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza ***Ronald Agius et vs Awtorita` tad-Djar*** deċiża fil-25 ta' Jannar 2023.

Illi l-każ ċitat kien jirrigwarda konvenju li sar bejn l-Awtorita` intimata u omm l-atturi, li ġiet nieqsa fil-mori tal-konvenju. Waħda mill-eredi ppreżentat ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili sabiex jiġu estiżi l-effetti tal-konvenju. Il-Qorti tal-Appell qalet testwalment hekk:

*Minn qari tal-konvenju li sar bejn omm l-atturi Mary Agius u l-Awtorità tad-Djar jirriżulta b'mod ċar li hemm numru ta' kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun tista' takkwista darha bis-saħħa tal-iskema "Sir Sid Darek." Il-kondizzjonijiet imposti fl-iskema msemmija kienu jifformaw parti integrali mill-konvenju u x-xerrej prospettiv huwa meħtieġ li jibqa' jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet tul id-durata tal-konvenju tant illi l-konvenju jipprovdi li "F'każ li wara li jsir il-konvenju jirriżulta lill-Awtorità li l-applikanti ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet kollha ta' din l-Iskema, u b'konsegwenza ta' dawn ma jkunux intitolati għax-xiri ta' proprjetà, l-Awtorità jkollha dritt li tqis il-konvenju null ipso jure. Jirriżulta illi persuna hija meħtieġa tapplika biex tkun tista' tibbenefika minn din l-iskema u applikant għandu jkun l-inkwilin rikonoxxut tal-fond li jkun irid jixtri. Applikanti huma wkoll meħtieġa li jagħtu lill-Awtorità t-tagħrif kollu dwar il-mezzi finanzjarji tagħhom u dwar kull proprjetà mobbli u mmobbli li għandhom, u fil-każ li l-inkwilin ma jkunx jippossjedi assi kapitali li jeċċedu s-somma ta' €150,000 jitnaqqas 50% mill-valur tal-proprjetà. L-Iskema tindika wkoll dawk il-persuni li ma jistgħux jibbenefikaw minnha. Il-Qorti tosserva inoltre li x-xerrej prospettiv ta' bilfors irid jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' din l-Iskema sabiex jitqies li hemm konvenju validu u li jorbot bejnu u bejn l-Awtorità appellata, ikkonsidrat li l-Iskema tfisser it-terminu "konvenju" bħala "ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar bħala venditur u l-benefiċjarji bħala kumpraturi…" Fil-fehma ta' din il-Qorti dan juri bl-aktar mod ċar li mhuwiex possibbli li persuni li ma jikkwalifikawx bħala benefiċjarji jkunu kumpraturi għall-finijiet tal-konvenju.*

*Il-Qorti tqis għalhekk li mhuwiex possibbli għall-atturi li jassumu d-drittijiet ta' ommhom fuq il-konvenju tas-16 ta' Ġunju, 2015, ladarba ma jirriżultax li huma "benefiċjarji" għall-għanijiet tal-Iskema msemmija. Il-fatt li l-atturi mhumiex benefiċjarji jirriżulta l-ewwel*

[5] Dokument E2 a fol. 53 ipprezentat fir-Rikors Numru 99/23

*nett mill-fatt li huma la applikaw biex jitqiesu bħala benefiċjarji u wisq anqas ġew aċċettati bħala tali mill-Awtorità appellata. Inoltre lanqas ma jirriżulta li l-atturi huma l-inkwilini rikonoxxuti fir-rigward tal-fond in kwistjoni. Għalkemm Ronald Agius xehed li huwa kien ilu joqgħod f'dan il-fond m'ommu wara li kien issepara de facto minn ma' martu, ma jirriżultax li ħa xi passi sabiex ikun l-inkwilin rikonoxxut tal-fond. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-Iskema teħtieġ li l-benefiċjarju jkun mhux biss resident fil-fond li jkun ser jinxtara iżda wkoll li jkun l-inkwilin rikonoxxut tal-istess fond. Għalhekk il-fatt waħdu li Ronald Agius seta' kien qiegħed jgħix f'dan il-fond mhuwiex biżżejjed biex ikun eliġibbli biex jibbenefika mill-Iskema msemmija.*

Illi t-Tribunal josserva illi fil-kaz odjern ma nġabitx xi prova illi Alfred Grech kien ippreżenta xi ittra uffiċjali qabel ma skada l-konvenju. Għalkemm Darren Grech xehed li kien jgħix ma' missieru għal xi snin, ma jirriżultax illi huwa kien inkwilin rikonoxxut fil-fond in kwistjoni, tant illi l-istess Awtorita` intimata rrikonoxxietu f'fond ieħor tagħha. Illi kwindi ma nġabet ebda prova illi xi waħda jew wieħed mir-rikorrenti jistgħu jikkwalifikaw bħala "kerrej rikonoxxut"[6] kif tirrikjedi l-Iskema biex ikun jista' jsir it-trasferiment tal-fond in kwistjoni favur tiegħu jew tagħha. In oltre t-Tribunal josserva illi l-Iskema hija mfassla fuq kriterji personali tal-applikant, bħal pereżempju l-mezzi finanzjarji tiegħu li abbażi tagħhom imbagħad jinħadem il-prezz ta' bejgħ sussidjat. Kwindi l-konvenju li sar ma' Alfred Grech kien strettament imfassal għaċ-cirkostanzi personali tiegħu fiż-żmien meta ġie ffirmat u mhux għaċ-ċirkostanzi ta' uliedu. U huwa proprju għalhekk li d-drittijiet naxxenti mill-istess konvenju ma jistgħux jintirtu.

Illi kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ hawn fuq ċitat, *"In fine, il-Qorti tissottolinea li indubbjament l-għan ewlieni ta' skemi simili maħruġa mill-Awtorita' ntimata huwa li jipprovdu sostenn, inkluż permezz ta' sussidji finanzjarji, sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali ta' dik il-faxxa tas-soċjeta' li għal raġunijiet varji timmerita l-għajnuna diretta tal-Istat fir-rigward tal-akkomodazzjoni soċjali. Jiġi ulterjorment sottolineat li meta l-Istat jipprovdi dawn l-għajnuniet u sussidji, neċessarjament ikun hemm impatt fuq l-erarju pubbliku. Huwa għalhekk mifhum il-fatt li t-tħaddim ta' tali skemi isir b'mod strett u rigoruż sabiex jibbenefikaw minnhom* ***biss*** *dawk li verament jistħoqqilhom li jkunu megħjuna mill-Istat u ħadd aktar."*

U t-Tribunal jifhem illi huwa proprju għalhekk illi waħda mill-kundizzjonijiet tal-konvenju hija proprju illi d-drittijiet naxxenti mill-konvenju *de quo* ma setgħux jiġu trasferiti mix-xerrej lil terzi persuni. It-Tribunal josserva illi din il-kundizzjoni ma ġietx limitata biss għal xi trasferiment *inter vivos*, imma hija projbizzjoni ġenerali, li allura tinkludi wkoll trasferiment *causa mortis*.

Kwindi, tħares minn fejn tħares lejha, it-Tribunal ma jara li hemm xejn infondat jew abbużiv fid-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita` intimata permezz tal-ittra uffiċjali numru 4931/23 ippreżentata fil-konfront ta' Darren Grech u Natasha Cassar nee Grech fis-17 ta' Novembru 2023.

---

[6] Ai termini tal-Iskema, "kerrej rikonoxxut" tfisser persuna li jkollha appartament/dar/maisonette tal-Awtorita' tad-Djar jew tal-Gvern b'titolu ta' kirja mill-istess Awtorita'/Gvern u rikonoxxuta bħala tali mill-Awtorita'/Gvern imma teskludi l-kerrej konoxxut tal-proprjeta' li ġiet trasferita lill-Gvern permezz tal-Ecclesiastical Entities Properties Act, 1992 (Att IV tas-sena 1992)

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorità intimata, u għaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra uffiċjali numru 4931/2023 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 3 tal-proċess, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta jipprefiġġi terminu perentorju ta' sittin (60) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti Darren Grech u Natasha Cassar nee Grech jiżgombraw u jneħħu kull oġġett mobbli appartenenti lilhom mill-appartament Blokk 2A, Bieb 1, Flat 3, Triq il-Gżira, il-Gżira.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**